# DUN JOE CALLEJA VIGARJU PARROKKJALI

Dun Joe Calleja, il-Vigarju Parrokkjali l-ġdid tal-Parroċċa tal-Katidral, twieled fil-Parroċċa ta' Sannat fl-1 ta' Awissu 1965. Huwa attenda l-iskola primarja ta' Sannat u wara s-Seminarju Minuri. Nhar l-24 ta' Ġunju 1990 ġie ordnat Saċerdot mill-E.T. Mons Isqof Cauchi. Wara l-ordinazzjoni beda ħidma pastorali fil-Parroċċa ta' Sta Lucia f'Ruma, fejn matul dan iż-żmien li dam barra għamel kors ta' speċjalizzazzjoni fil-qasam tal-Komunikazzjoni Soċjali, fl-Istitut Internazzjonali mmexxi mill-Pawlini. F'dawn l-aħħar snin kien għalliem fis-Seminarju Minuri, jgħin fil-ħidma 'Lumen Christi Media Centre' u jservi fil-Parroċċa ta' Sannat.

